

31997R0686

19.4.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 102/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 686/97**ta' l-14 ta' April 1997****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 miġjub fih,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾;

Filwaqt li lis-skorti tal-ħut ġew sfruttati żżejjed matul dawn l-aħħar snin, u għaldaqstant hemm bżonn ta' ħidmiet sinjifikanti ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-attivitajiet tas-sajd sabiex tiġi rmedjata din is-sitwazzjoni;

Filwaqt li hemm il-bżonn ta' miżuri effettivi taħt il-profil ta' ġestjoni u ta' spejjeż, u li jtejb u d-disponibilità u l-eżattezza tal-informazzjoni, bħall-introduzzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza ta' bastimenti bis-satellita;

Filwaqt li, skond l-Artikolu 3 ta' Regolament (KEE) Nru 2847/93 ⁽³⁾, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li tiġi stabbilita sistema ta' kontroll kontinwu ta' lokazzjoni għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità;

Filwaqt li l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' proġetti pilota li għandhon jiġu mwettqa mill-Istati Membri skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 897/94 tat-22 ta' April 1994 li jiddetta regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 f'dak li għandu x'jaqsam ma' proġetti pilota dwar kontrolli kontinwi ta' lokazzjoni ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità ⁽⁴⁾, uriet li bosta sistemi ta' kontrolli ta' bastimenti bis-satellita jistgħu jintużaw sabiex jistabbilixxu l-lokazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

Billi l-kontroll kontinwu bis-satellita ta' ċertu kategoriji ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandu jgħib 'il quddiem l-ħidma

amministrattiva, is-sorveljanza ta' inħawi sensittivi, il-kontrolli doppji tal-ġurnali t'abbord, u l-kontrolli tal-iżbarkar;

Billi s-sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita għandha tapplika għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jaħdmu fl-ibħra ta' pajjiżi terzi biss fil-każ fejn il-pajjiż jew pajjiżi terzi in kwistjoni aċċettaw l-obligazzjoni li japplikaw sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita għall-bastimenti tagħhom li jaħdmu fl-ibħra tal-Komunità;

Billi huwa xieraq li jaċċettaw l-obbligu li japplikaw sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita għal ċerti bastimenti tal-Komunità li jaħdmu esklużivament f'sajd mal-kosta u sajd ta' vjaġġi qosra;

Billi s-sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita għandha tasigura li komunikazzjonijiet minn bastimenti tal-Komunità jaslu għand l-Istat tal-bandiera tal-bastiment u mill-kosta tal-Istat Membru fl-istess ħin;

Billi huwa xieraq li jkun hemm il-ħsieb li jitwaqqfu sistemi alternattivi għas-sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita; filwaqt li Stat Membru li jitlob għal din il-possibiltà għandu jagħti prova li s-sistema alternattiva hi effettiva daqs is-sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 hu minn issa mibdul bit-test segwenti:

"Artikolu 3

1. Kull Stat Membru għandu jstabilixxi sistema ta' kontroll ta' bastimenti bis-satellita, minn issa 'l quddiem issir referenza għaliha bħala 'VMS', sabiex jikkontrolla l-lokazzjoni tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

Il-VMS għandha tapplika mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1998 għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Komunità li huma akbar minn 20 metru bejn il-perpendikulari jew 24 metru tul b'kollox għal kwalunkwe waħda mill-kategorji segwenti:

⁽¹⁾ ĠU C 209, tal-20.7.1996, p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 20, tal-20.1.1997.

⁽³⁾ ĠU L 261, tal-20.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2489/96 (ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 12).

⁽⁴⁾ ĠU L 104, tat-23.4.1994, p. 18. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 376/96 (ĠU L 51, ta' l-1.3.1996, p. 31).

- bastimenti li jaħdmu fl-ibħra ewlenin, minbarra fil-baħar Mediterran,
- bastimenti li jaħdmu fl-ibħra ta' pajjiżi terzi, sakemm ikunu saru klawnsoli fil-Ftehim mal-pajjiż terz jew pajjiżi terzi rilevanti għall-applikazzjoni ta' VMS għall-bastimenti ta' tali pajjiż jew pajjiżi li jaħdmu fl-ibħra tal-Komunità,

— bastimenti li jaqdbu l-ħut li jibdluhom fi smida u żejt.

2. Il-VMS għandha tapplika mhux aktar tard mill-1 ta' Jan-nar 2000 għall-bastimenti kollha tas-sajd tal-Komunità li huma akbar minn 20 metru bejn il-perpendikulari jew 24 metru tul b'kollox kull fejn joperaw. Madankollu, il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jaħdmu fl-ibħra ta' pajjiż jew pajjiżi terzi jkunu suġġetti għall-applikazzjoni ta' VMS biss fejn tali pajjiż jew pajjiżi terzi jkunu aċċettaw l-obbligazzjoni li japplikaw VMS għall-bastimenti tagħhom li jaħdmu fl-ibħra tal-Komunità.

3. Minkejja l-klawsoli ta' paragrafi 1 u 2 fuq, l-VMS m'għandiex tapplika għal bastimenti:

- (a) li joperaw esklussivament fi 12-il mil nawtiku mill-linja bażi tal-Istat Membru tal-bandiera; jew
- (b) li qatt ma għamlu aktar minn 24 siegħa fil-baħar mill-ħin tat-tluq sa meta jirritornaw lura fil-port.

4. Meta Stat Membru jimponi VMS fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li ma jaqawx fl-iskop ta' paragrafi 1 sa 3, dawk il-bastimenti jkunu eliġibbli għall-istess għajjnuna finanzjarja li tapplika għall-bastimenti li japplikaw VMS taħt paragrafi 1 u 2.

5. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li jiġi nstallat b'mod effettiv apparat ta' mmkar bis-satellita fuq bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera tagħhom li għalihom għandha tapplika VMS. L-apparat ta' mmkar bis-satellita jippermetti bastiment tas-sajd li jikkomunika permezz ta' satellita mal-Istat tal-bandiera u mal-Istat Membru kostali kkonċernat fl-istess ħin, il-posizzjoni ġeografika tiegħu u fejn hemm bżonn ir-rapporti ta' ħidma li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 19b. Fil-każ ta' forza maġġuri għandha tiġi kkomunikata informazzjoni rilevanti permezz tar-radju fuq stazzjon tar-radju approvat taħt regoli tal-Komunità għar-riċeviment ta' din l-informazzjoni jew bil-mezzi speċifikati fl-Artikolu 19c.

6. Is-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li għalihom tapplika VMS għandhom jassiguraw li l-apparat ta' mmkar bis-satellita jaħdmu tajjeb f'kull ħin u li l-informazzjoni li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 5 qed tiġi trasmessa. It-trasmissjoni għandha ssir bil-frekwenza ta' kuljum meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-Istat Membru tal-bandiera u/jew l-Istat Membru kostali jkun jista' jikkontrolla l-bastimenti b'mod effettiv.

7. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu u jħaddmu ċentri ta' kontrolli tas-sajd, minn issa 'l quddiem issir referenza għalihom bħala 'FMS', li għandhom jikkontrollaw l-attivitajiet u l-kapaċità tas-sajd. Il-FMS għandhom jibdwu jaħdmu mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1998.

Il-FMS ta' Stat Membru partikolari għandhom jikkontrollaw l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, mingħajr ma jagħtu każ tal-ibħra li jkunu joperaw fihom jew il-port li jkunu qegħdin fih, kif ukoll ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra u ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li għalihom tapplika VMS fl-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru partikolari.

8. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal-FMS u għandu jieħu l-miżuri adattati sabiex ikun żgurat li l-FMS tiegħu għandu r-riżorsi xierqa għall-persunal u huwa ekwippaġġat b' hardware u software tal-komputer li jippermetti pproċessar tad-data u trasmissjoni tad-data elettronika. L-Istati Membri għandhom jip-provdu għal proċeduri ta' back-up u rkupru fil-każ ta' falliment tas-sistema.

L-Istati Membri jistgħu iħaddmu FMS flimkien.

9. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun żgurat li d-data li jirċievu l-bastimenti tas-sajd tiegħu li għalih tapplika VMS tkun rreġistrata b'mod li tkun tista' tinqara mill-komputer għal perjodu ta' tliet snin.

L-Istat Membru kostali għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun żgurat li d-data li jirċievu l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz li għalihom tapplika VMS tkun rreġistrata b'mod li tkun tista' tinqara mill-komputer għal perjodu ta' tliet snin.

Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għal dawn il-files tal-komputer fuq bażi ta' talba speċifika. Il-klawsoli ta' l-Artikolu 37 għandhom japplikaw.

10. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu deċiżi bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 36.

B'mod partikolari, fuq bażi ta' applikazzjoni ta' Stat Membru u bi qbil mal-klawsoli ta' l-Artikolu 36, il-Kummissjoni tista tid-deċiedi li tiġi applikata sistema alternattiva għal-VMS, waqt li jiġi kkunsidrat it-tip ta' sistema ta' kontroll propost, it-tip ta' bastiment jew bastimenti tas-sajd, il-post jew postijiet fejn isir is-sajd, l-ispeċi mmirati u t-tul tal-vjaġġi tas-sajd. Is-sistema

alternattiva għandha tkun effettiva daqs VMS u tapplika fuq bażi mhux diskriminatorja.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-14 ta' April 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VAN AARTSEN
